IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.2.2021
COM(2021) 75 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/125 tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra

1. SFOND

L-objettiv tar-Regolament (UE) 2019/125[1] huwa li jimpedixxi l-piena kapitali, minn naħa waħda, jew it-tortura u trattament jew pieni inumani jew krudili jew degradanti min-naħa l-oħra f'pajjiżi barra mill-UE, billi jipprojbixxi jew jirrestringi l-kummerċ ta' ċerti oġġetti. Jiddistingwi bejn oġġetti li:

- huma abbużivi b'mod inerenti u jenħtieġ li ma jiġux ikkummerċjalizzati (l-Anness II), jew
- jista' jkollhom użi leġittimi, bħal tagħmir tal-infurzar tal-liġi (l-Anness III) jew oġġetti għal użu terapewtiku (l-Anness IV).

Il-kummerċ ta' dawn l-oġġetti huwa soġġett għal ċerti restrizzjonijiet. B'mod partikolari, ir-Regolament ikopri dan li ġej:

i. Jipprojbixxi l-importazzjonijiet fl-UE, l-esportazzjonijiet mill-UE u t-tranżitu minn ġol-UE ta' oġġetti, elenkati fl-Anness II, li ma għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-finijiet ta' piena kapitali jew tortura jew pieni inumani, krudili jew degradanti oħra. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza teknika relatata ma' dawn l-oġġetti, inkluż, speċifikament, taħriġ fl-użu tagħhom, huwa pprojbit ukoll. Ir-reklamar ta' dawn l-oġġetti f'medja stampata jew fuq l-internet, jew ħin tar-reklamar fuq it-televiżjoni jew ir-radju, jew il-wiri jew l-offerta għall-bejgħ f'wirja jew f'fiera, huma pprojbiti wkoll.

ii. L-oġġetti elenkati fl-Anness III li jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' piena kapitali jew tortura jew pieni inumani, krudili jew degradanti oħra, iżda li jista' jkollhom ukoll użi leġittimi oħrajn (infurzar tal-liġi), huma soġġetti għal awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni minn qabel, mogħtija skont il-każ. Awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni minn qabel hija meħtieġa wkoll għall-forniment ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' din il-kategorija ta' oġġetti.

iii. Jirregola l-kummerċ tal-oġġetti – sustanzi kimiċi jew sustanzi farmaċewtiċi (l-Anness IV) – li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali (eż. prodotti li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' persuni permezz ta' injezzjoni letali).

L-Anness I tar-Regolament jelenka l-awtoritajiet fl-Istati Membri, li skont l-Artikolu 20 tar-Regolament huma intitolati li jieħdu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew li jipprojbixxu esportatur milli juża l-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-esportazzjoni. Il-listi ta' oġġetti pprojbiti u kkontrollati huma stabbiliti fl-Annessi II, III u IV tar-Regolament. L-Anness V jirreferi għall-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-esportazzjoni (il-parti 1 hija relatata mal-"Merkanzija" filwaqt li l-parti 2 tirrigwarda d-"Destinazzjonijiet").

2. BAŻI ĠURIDIKA

F'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/125, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi I, II, III, IV, V, VI VII, VIII u IX tar-Regolament[2]. Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE)

[1]Ir-Regolament (UE) 2019/125 tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1.

[2] L-Anness VI jelenka t-territorji tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 11(2). L-Anness VII jiddeskrivi l-formola tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni jew tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(1). L-Anness VIII jiddeskrivi l-formola ta' awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizzi ta' senserija msemmija fl-Artikolu 21(1). L-Anness IX jiddeskrivi l-formola ta' awtorizzazzjoni għall-provvista ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 21(1)

2019/125. Skont dak l-Artikolu, is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-16 ta' Diċembru 2016 u l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tagħmel rapport fir-rigward tad-delega ta' dik is-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin.

3. TĦADDIM TAD-DELEGA

Peress li d-delega tas-setgħa ngħatat lill-Kummissjoni fl-2016[3], il-Kummissjoni għamlet użu mis-setgħa li tadotta atti delegati fi tliet okkażjonijiet, kif deskritt hawn taħt:

a) IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/181 tat-18 ta' Ottubru 2017[4] emenda l-Anness V billi żied ir-Repubblika Dominikana, Sao Tome u Principe u t-Togo mal-lista ta' destinazzjonijiet li għalihom tapplika l-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-esportazzjoni[5]. Daħal fis-seħħ fl-14 ta' Frar 2018, il-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

b) IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/621 tat-18 ta' Frar 2020[6] emendat bl-Anness I li jaġġorna l-entrati ta' diversi awtoritajiet kompetenti u l-Anness V li jżid il-Gambja u l-Madagascar mal-lista ta' destinazzjonijiet li għalihom tapplika l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni. Daħal fis-seħħ fl-għoxrin jum (27 ta' Mejju 2020) wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

c) Ir-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/139 tal-4 ta' Diċembru 2020[7] emenda r-referenza għar-Renju Unit fl-Anness I tar-Regolament. Emenda wkoll l-Anness V billi żied ir-Renju Unit mal-lista ta' destinazzjonijiet li għalihom tapplika l-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-esportazzjoni. Daħal fis-seħħ fil-ħames jum (it-13 ta' Frar 2021) wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Qabel l-adozzjoni tal-atti delegati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kkonsultat esperti maħtura minn kull Stat Membru fil-Grupp ta' Koordinazzjoni Kontra t-Tortura f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[8].

4. KONKLUŻJONI

Dan ir-rapport jissodisfa r-rekwiżit ta' rappurtar skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) 2019/125. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/2134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, ĠU L 338, 13.12.2016, p. 1.
[4] ĠU L 40, 13.2.2018, p. 1.
[5] "Awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni" hija awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni li tapplika għas-sustanzi kimiċi, li tista' tintuża għall-eżekuzzjoni permezz ta' injezzjoni letali (l-Anness IV għar-Regolament). Hija tintuża meta dawk l-oġġetti jew is-sustanzi kimiċi jiġu esportati lejn pajjiżi li abolixxew il-piena kapitali għar-reati kollha u kkonfermaw dik l-abolizzjoni permezz ta' impenn internazzjonali. Għall-pajjiżi li mhumiex membri tal-Kunsill tal-Ewropa, dik il-lista tinkludi l-pajjiżi li mhux biss abolixxew il-piena kapitali għar-reati kollha, iżda wkoll irratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi mingħajr l-ebda riżerva.
[6] ĠU 144, 7.5.2020, p. 1.
[7] ĠU L 43, 8.2.2021, p. 5.
[8] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Il-Kummissjoni tara l-ħtieġa li testendi, jiġifieri li ttawwal għal perjodu ulterjuri ta' ħames snin, id-delega tas-setgħa biex tadotta l-atti delegati deskritti fl-Artikoli 24 u 29 tar-Regolament (UE) 2019/125. Dan huwa meħtieġ sabiex, fost l-oħrajn, ikun hemm rispons meta jiġu żviluppati oġġetti ġodda li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, jew meta pajjiż terz wieħed jew aktar jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-esportazzjoni, jiksru impenn internazzjonali biex tiġi abolita l-piena kapitali għar-reati kollha jew meta d-dettalji tal-awtoritajiet kompetenti jinbidlu.

L-Artikolu 29(2) tar-Regolament jipprevedi li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għat-tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jintemm kull perjodu.